MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 16

20 ta' Frar 2014

Minuti tas-seduta Nru.16 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar - kienet skużata wkoll minħabba raġunijiet ta' studju. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 4.1.3. **(Ref: T/4/3/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"4.1.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma jeżistux postijiet fejn jista' isir dan it-tip ta' riklamar. L-uniku spażju li jista' jiġi offrut huwa l-billboard li hemm fit-telgħa ta' Selmun, meta dan ma jkunx qed jintuża għar-reklmar tal-attivitajiet tal-Kunsill jew mill-għaqdiet ibbażati fil-lokalita`."*

1.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 18.2. **(Ref: A/1/2/Vol VII)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara hekk:

*"18.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għat-trasport li qed jiġi pprovdut mill-Kunsill għall-anzjani li jiffrekwentaw ic-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha. Kontra kif kien maħsub, ma jidhirx li dan qed jintuża daqstant u għalhekk sas-seduta li jmiss huwa jkun jista' jissottometti rendikont dwar in-numru ta' anzjani li nġarru kull vjaġġ sa minn Jannar 2014.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 15, bl-emendi msemmija hawn fuq. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Kumitat Reġjonali dwar it-Turiżmu (T/12/3)

2.1.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kunsillier P. Cutajar ġie nominat mill-General Retailers Union biex jirrappreżentaha fuq il-kumitat imsemmi. Minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex is-suġġett jerġa jitqajjem fil-Kunsill, bħala membru nominat mill-Kunsill f'isem ir-residenti, inħatret is-Sinjorina Taziana Grech, li hija residenti fil-Mellieħa u kellha karriera twila fl-industrija tal-ospitalita`.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-ewwel laqgħa ser issir fil-21 ta' Frar 2014 fil-Ministeru tat-Turiżmu fil-Berġa tal-Italja fil-Belt Valletta.

2.1.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.2.1. Andament tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali (W/3/1/Vol VIII)(W/3/Vol XI)

2.2.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għal *e-mail* datat 7 ta' Frar 2014 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn saret stedina lill-Kunsillieri kollha sabiex jattendu u jipparteċipaw f'laqgħa ta' konsultazzjoni dwar ir-riforma fis-Sistema tal-Infurzar Lokali li ser issir fit-22 ta' Frar 2014 fil-Lukanda Dolmen b'Buġibba.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Bandla għal persuni b'diżabilita` fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

2.3.2. Kunsillier J. Attard għarraf lill-Kunsill illi saret laqgħa fuq il-post li attendew għaliha is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-*Contracts Manager*. Huwa kompla jgħid li ġie miftieħem li għandhom isiru *bills of quantities* separati għall-bandla u għax-xogħlijiet meħtieġa sabiex din titpoġġa fuq il-post.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq din il-materja.

### 2.4.1. Stampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*" (P/3/5)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Stellini irreferiet għall-minuta 22.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li x-xogħol miexi fuq il-ktieb imsemmi, filwaqt li l-istampar qed isir fuq karta riċikklata mingħajr ma ser jintalab ħlas addizzjonali għaliha.

2.4.3. Hija ipproponiet li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Jeffrey Sammut li kien involut fil-*proof reading* li għamlu b'mod volontarju mingħajr ħlas.

### 2.5.1. Żvilupp ta' art bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk u Triq in-Naħal għal skop ta' rikrejazzjoni (P/4/27)

2.5.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo irrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kellu kuntatti mal-uffiċċju tal-proprjeta` tal-Kurja dwar il-ftehim biex l-art imsemmija tkun tista' tiġi wtilizzata għal skopijiet ta' rikrejazzjoni. It-test mgħoddi mill-Kunsill ġie approvat mill-Kurja u għalhekk il-kuntratt jista' jiġi iffirmat.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li n-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw ic-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' Jannar 2014, kien kif jidher hawn taħt:

| Data | Nru. ta' Anzjani |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 3 | 3 |
| It-Tlieta 7 | 5 |
| Il-Ħamis 9 | 4 |
| It-Tlieta 14 | 8 |
| Il-Ħamis 16 | 3 |
| It-Tlieta 21 | 10 |
| Il-Ħamis 23 | 2 |
| It-Tlieta 28 | 8 |
| Il-Ħamis 30 | 1 |

2.6.3. Il-Kunsillier J. Attard qal illi minn kuntatti li huwa kellu mad-diriġenti taċ-Ċentru jirriżulta li matul ix-xahar ta' Jannar, ħafna mill-anzjani jibqgħu irtirati fi djarhom kemm minħabba raġunijiet ta' mard, jew biex jipprevenuħ kemm jista' jkun minħabba l-kesħa. Għaldaqstant, huwa ppropona li għandu jingħata aktar żmien biex wieħed ikun jista' jevalwa dwar jekk għandux ikompli jingħata s-servizz jew jitwaqqaf.

2.6.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.7.1. Sessjonijiet tal-*keep fit* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

2.7.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti u ppreżenta lista bl-ismijiet ta' 21 persuna li qed jattendu s-sessjonijiet imsemmija.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Attivita` fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

2.8.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 27.1. tas-seduta preċedenti u żied li l-attivita` msemmija ser issir fis-16 ta' Marzu 2014, bejn it-8.00am u 12.30pm. Huwa qal ukoll li fit-22 ta' Marzu 2014 ser issir żjara minn grupp ta' żgħażagħ fl-Aħrax, fis-santwarju tal-annimali Noah's Ark

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/02/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/01/14 – 15/02/14;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 13/12/13 – 29/01/14
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Diskors tas-Segretarju Eżekuttiv – Laqgħa Annwali tal-Lokalita` - 04/02/2014;
- Estimi Finanzjarji 2014;
- Persuni Nominati għal Onorefiċenzi mogħtija mill-Kunsill – 2000-2014
- Persuni li ngħataw onorefiċenzi mill-Kunsill bejn l-2000 u l-2013

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Skema dwar il-Libreriji Pubbliċi (L/4/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għall-Memo 4/2014 datat 29 ta' Jannar 2014, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn għarraf li tnediet skema intiża biex tgħin lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta` ta' librerija lokali. Id-Dipartiment ser jagħti sa massimu ta' €600, fejn il-Kunsill ikun mistenni joħroġ l-istess ammont, li din is-sena ser trid tintefaq biss fuq ix-xiri ta' kotba.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex ikun jista' jibbenefika mill-għotja msemmija.

4.1.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-librar qed isib problema bin-nuqqas ta' xkaffar għall-kotba li hemm fil-librerija u għalhekk jeħtieġ li jiġi pprovdut dan.

4.1.5. Is-Sindku ikkummenta li m'hemmx spazzju għall-aktar xkaffar u għalhekk jeħtieġ li jinsab post sabiex tiġi rilokata l-librerija. Huwa għarraf li l-ftit spażju li għad fadal ser jintuża mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għall-proġett "Aqra Miegħi", li permezz tiegħu t-tfal qed jittieħdu jaqraw fl-ambjent tal-librerija.

### 4.2.1. Sewqan perikoluż fil-Bajja tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XIII)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 3 ta' Frar 2014, mibgħut mis-Sur Russell Camilleri fejn talab li jsiru serje` ta' *speed humps* matul it-triq li hemm biswit il-bajja msemmija. Dan peress li jkun hemm ħafna *pedestrians* li jaqsmu min-naħa għall'oħra tat-triq, filwaqt li s-sewwieqa għandhom tendenza li jsuqu b'veloċita` qawwija.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa għaliex il-kwalita` tal-wiċċ tat-triq, kif ukoll il-wisa' tagħhna m'għandux jinkoraġġixxi sewqan b'veloċita` qawwija, għalkemm jista' ikun hemm xi ndividwi partikulari li jabbużaw, liema abbuż għandu jiġi kkontrollat bl-infurzar tal-liġi.

### 4.3.1. Konsultazzjoni dwar *Shooting Ranges* (P/5/4/Vol II)

4.3.2. Inġibdet l-attenzjoni għal *e-mail* datat 13 ta' Frar 2014 mibgħut mill-MEPA fejn tħabbar li l-Gvern talab lill-istess awtorita` sabiex tiffOrmola *policy* dwar *shooting ranges*. Qabel isir dan, il-MEPA tat numru ta' objettivi li għandhom jiġu trattati fit-tfassil tal-*policy*.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA dwar il-fatturi segwenti:

- L-effetti ambjentali taċ-ċomb li jispiċċa fuq il-blat fuq l-ilma tal-pjan u l-flora u l-fauna li jgħixu fuq l-istess art;
- Postijiet li qabel kienu tal-Militar Ingliż huma ikkunsidrati bħala idejali sakemm ma jkunux qrib l-abitat, stabbilimenti turistiċi u toroq arterjali;
- Għandu jkun hemm *buffer zone* fuq l-art okkupata mix-*shooting ranges* stess bħala protezzjoni u sigurta` għall-attivitajiet li jseħħu madwar ir-*ranges*;
- *Shooting ranges* għandhom jaqdu funzjoni reġjonali u mhux lokali, minħabba meded ta' l-art li jiġu kommessi;

### 4.4.1. Rinovar tar-Riviera Resort & Spa (P/5/8/S)

4.4.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 12 ta' Frar 2014, dwar applikazzjoni li saret lill-MEPA (TRK 151436) sabiex isiru numru ta' tibdiliet strutturali fil-lukanda msemmija. Intqal ukoll li attwalment l-istess awtorita` qed tikkonsidra għandux jsir *Environment Planning Statement* u għalhekk stiednet lill-Kunsill jindika fatturi li għandhom jiġu trattati b'rabta mat-tibdil li qed jiġi propost li fost oħrajn jinvolvi:

- Introduzzjoni ta' żona pedonali;
- Estensjoni u tisbiħ tax-xatt quddiem il-lukanda
- Kostruzzjoni u tisbiħ ta' parkeġġ pubbliku; u
- Arranġamenti ġodda tat-traffiku fit-triq ta' madwar il-lukanda.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinġibed l-attenzjoni li:

- Għandu jitħalla aċċess liberu għall-pubbliku faċċata tal-lukanda, fil-parti bejn it-triq u l-baħar;
- Jitħalla aċċess għall-bdiewa u *slipway* li hemm fil-bidu tar-Ramla tal-Bir u għalhekk it-triq ta' quddiem il-lukanda għandha tibqa' miftuħa għat-traffiku; u
- Ma jitħaffrux *boreholes* fil-*footprint* tal-lukanda bil-għan li ma jiġix affettwat ir-raba saqwi li hemm wara l-lukanda fl-inħawi Ta' Msid.

4.4.4. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa mal-iżviluppatur u/jew mal-perit inkarigat mill-proġett.

### 4.5.1. Armar ta' *tower crane* fi Triq il-Kappillan Magri (A/6/3/1/Vol 86)

4.5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf b'ittra datata 17 ta' Frar 2014, mibgħuta minn Ms Odette Vella sabiex jintrama *tower crane* fit-triq imsemmija b'rabta ma' xogħol ta' rinovar li jeħtieġ isir fil-fond Nri. 149-151 skont il-permess maħruġ mill-MEPA – PA 1726/13. Sabiex jintrama dan il-krejn jeħtieġ li tingħalaq it-triq, filwaqt li x-xogħol mistenni li jieħu bejn tlieta u ħames xhur.

4.5.3. Il-Kunsill irrifjuta t-talba, iżda ssuġġerixxa li t-*tower crane* jintrama minflok fi Triq il-Qalb Imqaddsa, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq Ġorġ Borg Olivier.

### 4.6.1. Proġett EkoSkola (I/1/Vol IX)

4.6.2. Is-Sindku aċċenna għal stedina mibgħuta mill-Kap tal-Iskola Primarja Mellieħa, flimkien mal-Kumitat tal-EkoSkola għal ċerimonja tat-tħawwil ta' siġar fis-27 ta' Frar 2014 fil-bitħa tal-iskola. Wara ċ-ċerimonja l-Kunsillieri ġew mistiedna jattendu l-laqgħa ġenerali, fejn it-tfal membri fil-kumitat EkoSkola ser jitkellmu dwar l-għanijiet tal-Kumitat, fosthom il-ħarsien tal-ambjent , kif ukoll is-sigurta` u t-tisbiħ tal-iskola.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Parteċipazzjoni fl-Olimpjadi tal-Istudenti tal-Kyokushin (S/6/Vol IV)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 20 ta' Frar 2014, mibgħuta mill-Malta Kyokushin Federation li għandha skola f'din id-dixxiplina fil-Mellieħa. L-istess federazzjoni għarrfet li ser tieħu sehem fl-Olimpjadi tal-Istudenti li ser isiru f'Szentes l-Ungerija. Il-Federazzjoni appellat għall-għajnuna mill-Kunsill fid-dawl tal-fatt li l-parteċipanti huma mill-Mellieħa.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu identifikati mezzi kif jista' jingħata kontribut.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Frar 2014. Il-Viċi Sindku C. Bartolo talab li jastjeni milli jieħu parti fid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta' *item* 4 minħabba parentela.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqu ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-13 ta' Diċembru 2013 u d-29 ta' Jannar 2014, kif ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn il-25 ta' Jannar u l-15 ta' Frar 2014. Il-Viċi Sindku talab li jastjeni fir-rigward tal-*item* 075-02-14 minħabba parentela.

6.3. Inġibdet ukoll l-attenzjoni għall-istampar tat-test li jrid isir fuq it-tabelli b'rabta mal-proġett tal-*Heritage Trail* ta' Selmun liema item kien inkluż f'*PRF* addizzjonali li tikkonċerna l-istess proġett, datata 15 ta' Frar 2014.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt

### 7.1. Preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2013 (F/1/2/Vol VIII)

7.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri mal-aġenda. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2013 spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €20,953. Huwa aċċenna għall-fatt li fis-sena tal-qabel il-bilanċ pożittiv reġistrat kien ferm għola għaliex laħaq €242,924. Minkejja li d-dħul fl-2013 żdied bi 2.81% minn €1,175,080 għal €1,208,029, min-naħa l-oħra kien hemm żieda fl-infiq rikorrenti ta' 27.36%, minn €939,130 fl-2012 għal €1,196,068 fl-2013. Din iż-żieda fl-infieq rikorrenti tirriżulta mill-fatt illi kien hemm assi ta' valur notevoli li ġew ikkapitalizzati u beda jinqata' id-diprezzament fuqhom, li ammonta €608,805, żieda ta' 47.17%.

7.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,164,583 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,002,922 |
| Allokazzjoni Supplimentari | 21,312 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €5,872 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €23,532 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | €110,947 |

L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ħlas tal-ammont akkumulat dovut lill-Wasteserv Malta Ltd, liema ammont tħallas direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-ammont ta' Għotjiet Rilaxxati kienu jinvolvu l-proġetti ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u il-Playing Field ta' Triq l-Erwieħ u Ġnien Ħidmet il-Volontarjat. Kien hemm dħul ieħor ġej minn *bye-laws*, mis-Sistema tal-Infurzar Lokali u dħul ta' natura ġenerali, li ammonta għal €21,124.

7.4. Is-Sur D. Galea spjega li sa Diċembru 2012, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €5,452,613 f'assi permanenti. Kien hemm ukoll €360,815 ta' flus x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill.

7.5. Ġie spjegat li l-ammont illi jidher taħt ir-Rilaxx tal-Għotjiet (*Grants Released*) jirrappreżenta l-ammont ta' diprezzament illi kien hemm fuq proġetti kapitali li ġew iffinanzjati mill-għotjiet li kien hemm matul l-2013, bħalma huma dawk tal-*Public Private Partnership*, u l-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill daħħal fondi addizzjonali permezz ta' applikazzjonijiet illi issottometta, li jinkludu l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema Librerij, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, *Car Free Day*, u premjijiet relatati mal-*Local Enterprise Award*, *eċċ*.

7.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm dħul ta' €5,564 mis-Sistema tal-Infurzar Lokali. Dan wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali.

7.7. In-nefqa kapitali għas-sena 2013 kienet tammonta għal €651,994, li €201,165 minnha kienet ġejja minn għotjiet mogħtija mill-Gvern Ċentrali jew awtoritajiet pubbliċi.

7.8. Is-Sur D. Galea spjega wkoll li kien hemm tnaqqis ta' €200,178 mill-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill minn €959,924 fl-2012 għal €759,746 fl-2013. Minkejja dan, il-qagħda finanzjarja baqgħet stabbli u kien hemm likwidita` biex il-Kunsill jibqa' jiffunzjona mingħajr problemi.

7.9. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

*"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2013, ġew spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom , kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*

7.10. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**8.1. *Live Streaming* ta' Seduti tal-Kunsill (I/1/3/Vol V)**

8.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq, kif ukoll għal *e-mail* datat 29 ta' Jannar 2014 mingħand l-offerent Correct Terminations Ltd, fejn ikkonferma li jista' jinstalla *cameras* b'riżoluzzjoni ta' 800 * 600 mingħajr ħlas addizzjonali.

8.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' *purchase order* lill-Correct Terminations Ltd bi spiża ta' €2,242 għall-provista, ittestjar u kommissjoni tat-tagħmir mitlub.

## 9.1. Mozzjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2014 u l-Pjan ta' Ħidma 2014-2016 (F/1/25)

9.2. Id-diskussjoni fuq din il-mozzjoni ġiet differita għas-seduta li jmiss peress li mhux id-dokumenti kollha relatati kienu konklużi.

## 10.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2014 (A/5/3/1/Vol XIV)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li tkompliet id-diskussjoni fuq il-programm u ppropona li jkun imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis – 6 ta' Marzu | - Finali tal-kampjonat tas-*Snooker* organizzat mill-Kunsill fis-Selmun Bar |
| Il-Ġimgħa – 7 ta' Marzu | - Għoti tal-Onoreficċenzi fil-Melea Suite tal-Maritim Antonin Hotel & Spa taħt il-patroċinju tal-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Jose` Herrera. Fl-istess okkażjoni jitqassmu tifkiriet lill-Kunsillieri li servew fl-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Is-serata tintemm b'bibita`. |
| Is-Sibt – 8 ta' Marzu | - *Business breakfast* għas-sidien tan-negozji kollha tal-Mellieħa u tnedija tal-Mellieħa *Business Forum* mill-Ministru tal-Ekonomija, l-Investiment u Intrapriżi Żgħar l-Onor. Dr Chris Cardona. Fl-istess post ser ikun hemm wirja ta' ritratti dwar il-ħidma tas-Seba' Kunsill<br>- Ġurnata ta' sports organizzata fil-Park tal-Familja u fil-ground f'Ta' Pennellu |
| Il-Ħadd – 9 ta' Marzu | - Sparatura organizzata flimkien mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa<br>- Programm ta' divertiment f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa għall-anzjani<br>- Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja tal-Manikata bis-sehem tal-għaqdiet Melleħin |

10.3. Is-Sur C. Bartolo ressaq is-sekwenza tal-*items* inklużi fis-serata tas-7 ta' Marzu li fiha ser jiġu ippreżentati l-onoreficċenzi, kif ukoll dawn tal-*business breakfast* tat-8 ta' Marzu. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-programm sħiħ.

10.4. Is-Segretarju ressaq skeda ta' nomini ġodda għall-onoreficċenzi li daħlu sad-data ta' egħluq fis-7 ta' Frar 2014, kif ukoll oħrajn illi għadhom eliġibbli, iżda li ġew sottomessi fi snin preċedenti. Il-Kunsill ġie mfakkar li minnha nqatgħu persuni li mietu, kif ukoll oħrajn li ngħataw onoreficċenza tal-Ġieħ f'edizzjonijiet preċedenti. Persuni li ngħataw l-onoreficċenza ta' Rikonoxximent tħallew, peress li jistgħu jiġu kkunsidrati għal dik tal-Ġieħ.

10.5. Il-Kunsill qabel illi l-onoreficċenzi jingħataw fl-2014 għandhom jinvolvu persuni li kisbu suċċess fl-intrapreditorja, kif ukoll fl-oqsma mużikali u dak tal-isports.

10.6. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu, fuq numru ta' persuni u għalhekk is-Sindku ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier J. Gauci, li kienet tgħid kif ġej:

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onoreficċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fis-7 ta' Frar 2014, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onoreficċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda, bl-eċċezzjoni ta' ex-Sindki li jkunu servew mill-anqas terminu ta' mandat wieħed, jew Kunsilliera li servew għal tliet termini differenti, li mhux neċessarjament ikunu konsekuttivi"; u***

***Billi l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/ jew organizzazzjonijiet;***

*Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" għandhom jingħataw lil:*

- *Onor. Robert Cutajar – Ex-Sindku;*
- *Kunsillier Emvin Bartolo – li serva tliet mandati; u*
- *L-ex-Kunsillier Joseph Azzopardi – li serva tliet mandati, u*
- *Is-Sur Silvio Debono - Intraprenditur*

*filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:*

- *Is-Sur Raymond Bartolo – Fundatur tal-Mellieħa Baseball Team;*
- *Is-Sur Saviour Grima – Bandist u membru fuq il-kumitat ta' għaqda mużikali; u*
- *Mro. Joseph Nazzareno Sammut – Surmast tal-mużika u kompożitur.*

*Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ġimgħa s-7 ta' Marzu 2014.".*

10.7. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi.

## 11.1. Programm dwar ir-*resurfacing* ta' toroq f'Tas-Sellum u Ta' Gerbulin fid-dawl ta' ħtiġijiet urġenti fi Triq il-Marfa (T/4/13/Vol XII)

11.2. Is-Sindku għarraf li fit-3 ta' Marzu 2014 ser jibda x-xogħol fuq ir-*resurfacing* ta' Triq il-Marlozz, kif kien ipprogrammat.

11.3. Is-Sur J. Buttigieg irrefera wkoll għall-inċident li nqalgħa fit-2 ta' Frar 2014, fi Triq il-Marfa qrib il-kantuniera ma' Dawret it-Tunnara, fejn ħruġ ta' ilma minn main ewlieni għamel ħsara fl-istruttura tat-triq, li wkoll spiċċa fil-bini li kien hemm fil-qrib. Kompla jgħid li l-wiċċ ta' l-istess triq, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara, iddeterjora serjament u għalhekk jeħtieġ isir *major patching* tiegħu, liema xogħol huwa stmat li jiswa €88,647. Mil-laqgħa ta' kordinazzjoni li saret, irriżulta wkoll li l-*main* tal-ilma maġġuri jeħtieġ li jinbidel, liema xogħol huwa stmat li jinvolvi spiża addizzjonali ta' €20,213. Irrispettivament minn din l-istima, huwa qal li ma jkunx għaqli li x-xogħol jinbeda wara li titlesta Triq il-Marlozz, għaliex ikun qorbu wisq ix-xhur tas-Sajf.

11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif, kif ukoll is-suġġerimenti mressqa mis-Sindku.

## 12.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

12.2. Is-Segretarju aċċenna għal laqgħa li saret f'Palermo Sqallija fit-12 ta' Frar 2014 rigward il-proġett imsemmi, fejn kienu preżenti l-imsieħba kollha u l-*managing authority*. Għan-naħa tal-Kunsill attenda s-Sindku J. Buttigieg flimkien mas-Segretarju. Fl-istess laqgħa ġew trattati l-implimentazzjoni tal-*work packages* ta' kull imsieħeb, kif ukoll id-diffikultajiet li qed jiġu affaċċjati. In-naħa tal-Kunsill, kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali irreferew għad-dewmien li qed ikun hemm biex l-*managing authority* tgħaddi 50% tal-fondi allokati fil-baġit tal-proġett, skont il-ftehim li ġie iffirmat fid-29 ta' Lulju 2014 f'Canicattini Bagni fi Sqallija.

12.3. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li ssemmew in-nuqqas ta' fondi li ġew allokati lill-Wasteserv Malta Ltd biex jipprovdu l-impjant għall-ipproċessar tal-biomass. Huma qed jikkontendu li meta sar il-*bill of quantities*, dan la kien jinkludi l-pjattaforma fuqiex irid jintrama l-impjant u lanqas it-tinda, jew bini li jrid jipproteġiħ mill-elementi. Minħabba sproporzjonalita` fl-allokazzjoni finanzjarja mqabbla max-xogħol li jrid jitwettaq minn kull imsieħeb, ġiet diskussa l-possibilita` li ssir revizjoni tal-baġit. L-uffiċjali tal-*Managing Authority* preżenti qalu li huwa impossibbli li fondi allokati għall-Italja jgħaddu fuq imsieħba Maltin, filwaqt li ma jkunx faċli lanqas illi fondi jgħaddu bejn l-imsieħba Maltin. Il-Wasteserv uriet dubji serji anke dwar il-vijabilita` tal-proġett meta dan jitlesta, u għalhekk talbu lill-Kunsill sabiex ivarja dan il-kuntratt ħalli jkun jista' isir studju ekonomiku dwar il-vijabilita`.

12.4. Wara li l-Kunsill innota l-fatti kif spjegati aktar 'il fuq, approva varjazzjoni li ma taqbisx 20% tal-valur oriġinali tal-kuntratt dwar l-Analiżi tas-Sitwazzjoni. Dan sabiex jinkorpora l-aspett ekonomiku tal-proġett. Din id-deċiżjoni ttieħdet bis-saħħa tal-klawsola 47 tal-kuntratt relattiv u l-Proċeduri Dwar Kunsilli Lokali.

### 13.1. Użu tal-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (S/6/Vol IV)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li ġie avviċinat minn diriġent mis-Societa` Filarmonica La Vittoria sabiex jagħmlu użu mill-*billboard* tal-Kunsill bil-għan li jagħtu pubbliċita` lill-Maratona tal-Isports. Il-perjodu intenzjonat huwa bejn il-11 u l-31 ta' Marzu 2014.

13.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

### 14.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ipproponiet li jiġu organizzati żewġ ħarġiet kulturali kif ġej:

- 20 ta' Marzu – Mużew ta' Wignacourt u l-fabbrika tal-Mdina Glass;
- 22 ta' Marzu – *Rock Opera* "Ġensna".

Il-ħlas ikun ta' Eur 11 u Eur 15, rispettivament. Peress li r-*Rock Opera* "Ġensna" ser tkun bħala parti mill-attivitajiet ta' jum nazzjonali, il-Sinjura Brincat Stellini issuġġeriet li l-ispiża tat-trasport ikopriha l-Kunsill.

14.3. Is-Sinjura Brincat Stellini issuġġeriet ukoll li jsiru ħargiet/mixjiet kulturali fil-Mellieħa stess li jkunu jinvolvu postijiet storiċi bħalma huwa x-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija, il-Mużew tat-Tunnara, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, eċċ.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 15.1. Riklamar fuq għamara tat-toroq (T/4/3/Vol II)

15.2. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar riklamar li qed isir bla permess fil-bidu tat-taraġ ta' Triq Adenau u fuq id-*dispensers* tal-gazzetti li tpoġġew fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier.

15.3. Ittieħdet nota sabiex isiru l-verifiki meħtieġa.

### 16.1. Ħatra ta' President tal-Kunsill Skolastiku (S/3/3)

16.2. Is-Sindku għarraf li b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, is-Sur Carmelo Bartolo nħatar President tal-Kunsill tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 17.1. Atrezzar tas-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol III)

17.2. Is-Sindku għarraf li minn kuntatti li kien hemm mal-Kap tal-Iskola Primarja u l-Kunsill Skolastiku, jidher li jeħtieġ issir manutenzjoni fuq is-sistema tal-audio li jinvolvi fost oħrajn bdil tal-i*speakers*, *cabling* eċċ. Fid-dawl tal-fatt li din is-sala tintuża kontinwament għall-attivitajiet mtellgħa mill-għaqdiet tal-Mellieħa, kif ukoll mill-Gvern Ċentrali (eż: tiġdid tal-karti tal-identita`, laqgħat pubbliċi msejħa mill-MEPA, Dipartimenti tal-Gvern eċċ) is-Sur J. Buttigieg ippropona li jkun hemm il-kontribut tal-Kunsill sabiex isir il-manutenzjoni meħtieġa, li fl-aħħar mill-aħħar tinbenefika minnu l-lokalita` kollha.

17.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Sindku.

### 18.1. Skema Inizjattivi dwar Attivitajiet Kulturali (F/1/7/Vol III)

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-mistoqsija parlamentari li saret dwar dan is-suġġett li permezz tagħha sar magħruf li l-Kunsill tal-Mellieħa kellu żewġ attivitajiet li ser jingħataw fondi taħt l-iskema. Dawn huma l-Festival Internazzjonali tal-Baned u ċ-Ċelebrazzjoni tal-Ewwel tas-sena. Is-Sur C. Bartolo qal li l-ammont eżatt ikun magħruf meta jiġu ppreżentati l-ittri fl-24 ta' Frar 2014.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**19.1. Aċċess għall-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

19.2. Il-Viċi-Sindku C. Bartolo irrefera għall-intenzjoni li għandu l-Bord tal-Park tal-Majjistral li jwaħħal xatba fl-aċċess li hemm minn Triq il-Mejjiesa. Huwa qal li r-residenti qed jilmentaw li bil-kwantita` ta' nies li jiffrekwentaw dawk l-inħawi, mhux ser ikun hemm spażju biex dawn jipparkjaw fi Triq il-Mejjiesa. Sitwazzjoni simili irriżultat f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata.

19.3. Is-Sindku qal li l-Bord għandu pjanijiet simili u għalhekk ser issir xatba fejn kien hemm il-*guardroom* tal-kamp. Fil-fatt f'laqgħa li ġiet organizzata għas-sidien tal-*boathouses* sar magħruf li ser isir katnazz u l-istess sidien ser jingħataw ċwievet li jkunu jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill bi ħlas. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li skont il-fehma tal-Bord, ma jkunx possibbli jiġi konservat il-park sakemm ma jkunx hemm aċċess ikkontrollat.

19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/4)**

20.2. Il-Viċi Sindku ippropona li l-avviniment imsemmi jiżvolġi bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2014. Huwa qal ukoll li qed jintwera interess minn baned Svediżi, Norveġiżi, Ingliżi u dawk tal-lokalita` l-Imperial u l-La Vittoria. Is-Sur C. Bartolo qal li għandha tittieħed l-opportunita` sabiex isiru *workshops* bil-għan li jkun hemm l-opportunita` li jsir skambju ta' tagħrif bejn mużiċisti lokali u dawk barrani li jkunu qed jieħdu sehem fil-festival.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta mressqa.

**21.1. Assemblea Ġenerali tal-EDEN Network (T/12/2)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-avveniment imsemmi li sar fi Brussel bejn fit-18 u d-19 ta' Frar 2014. Huwa qal li tħabbar illi l-finanzjament tas-salarju li jirċievi ċ-Chairman u l-Amministratur tal-EDEN Network ser jibda jsir mill-Unjoni Ewropea. Qal ukoll li l-premju EDEN 2015 ser ikun imsejjes fuq kriterji gastronomiċi. Fl-istess forum, ġie deċiż ukoll €50,000 jiġu allokati sabiex isir riklamar tal-lokalitajiet Maltin imsieħba fin-*network*.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**22.1. Servizzi fil-Klinika tal-Gvern (M/8/Vol V)**

22.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf illi l-attrezzi li ġew mitluba għall-klinika tal-i*speech therapy* fil-Berġa ġew ipprovduti u għallhekk ippropona li ssir preżentazzjoni uffiċjali mis-Sindku.

22.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, iżda ma ġiet iffissata ebda data.

**23.1. Laqgħa mal-Kummissjoni Djakonija (T/3/2/Vol XIII)( T/5/1/Vol II)**

23.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li fit-13 ta' Frar 2014 kellu laqgħa mal-Kummissjoni Djakonija fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fl-istess okkażjoni nġibdet l-attenzjoni li min juża r-rotot ewlenin tal-karozzi tal-linja qed ikollu mixja twila minn Triq il-Kbira sa Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa għarraf ukoll li ġie propost sabiex issir *pedestrian crossing* fi Triq il-Wied għall-anzjani u n-nies li jmorru jżuruhom.

23.3. Is-Segretarju fakkar li l-kwistjoni tal-*pedestrian crossing* ġiet diskussa fil-passat, iżda kien ġie deċiż li għandu jitħalla kollox kif inhu, peress li l-kurva tat-Triq Qasam Barrani ma' Triq il-Wied tirrendi l-*pedestrian crossing* perikoluża. Minflok kienu twaħħlu tabelli li jindikaw il-preżenza ta' persuni anzjani fit-toroq li jwasslu Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Kien hemm qbil li għandu jintalab il-parir ta' Transport Malta dwar l-iktar arranġamenti li huwa l-aktar sikur.

23.4. Dwar is-servizz tal-karozzi tal-linja, is-Sindku ikkummenta li wieħed għandu jistenna r-rapport li ser tippubblika Transport Malta dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku, sabiex isir magħruf eżatt kif ser tiġi affettwata s-sitwazzjoni attwali.

**24.1. Sewqan b'veloċita` eċċessiva fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XIII)**

24.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni li bl-ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat ta' Triq l-Etna, fil-parti bejnTriq Mons. Franġisk Xuereb u Triq il-Kbira. Billi t-triq ma tippermettix il-

wisa' ta' erba' vetturi, kif ukoll minħabba l-kurva tat-triq, qed jiġri li vetturi misjuqa f'direzzjoni opposti ma jkollhomx spazju biex jevitaw lil xulxin.

24.3. Il-Kunsill kien tal-fehma illi minħabba l-inkonvenjent assoċjat mas-*speed humps* u r-*rumble strips*, ġie deċiż li għandha ssir linja maqtugħa f'nofs it-triq, kif ukoll tabella "*Traffic Blackspot*" fit-truf tal-partijiet l-aktar dojoq.

## 25.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna (T/4/12)

25.2. Is-Sindku irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti dwar materji mqajma mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, partikularment għat-tneħħija tal-i*speed hump* li hemm fi Triq Għajn Żejtuna, bejn Triq il-Pont u Triq Ta' Taħt l-Irdum. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex il-Kunsill ikun jista' jneħħi l-*hump* eżistenti li titfa' l-ilma fid-direzzjoni tal-wied, u jissostitwiha b'*culvert*.

25.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 26.1. Korsijiet organizzati mill-Kunsill (E/3/1/Vol III)(E/3/1/8)

26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ippropniet li jiġu organizzati l-korsijiet segwenti:

- Żfin zumba fis-Sala tal-Komunita` - Skola Primarja
- *Line Dancing* – fis-Sala tal-Kunsill
- Kors ta' Introduzzjoni għad-dixxiplina tal-*Weight Lifting* – Park tal-Familja
- Kors fl-Ewwel Għajnuna – fis-Sala tal-Kunsill
- Kors li jwassal għall-ħruġ ta' Licenzja Nawtika minn Transport Malta – Sala tal-Kunsill

26.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta u talab li d-dettalji jitħabbru fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa" u fis-sit elettroniku.

## 27.1. Konok tas-siġar fi Triq il-Kbira u spażju għall-ipparkjar fi Triq ir-Ramla tal-Bir (D/3/1/Vol V)(H/1/2)

27.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li nġibdet l-attenzjoni mis-Sur Alfred Muscat li l-konok tas-siġar li hemm fuq il-bankina, bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira, huma perikolużi għaliex għandhom il-kurduna madwarhom u wieħed jista' jitfixkel fihom.

27.3. Wara diskussjoni, ġie deċiż li għandu jiġi kkunsidrat puġġaman tal-injam madwar kull siġra li hemm.

27.4. L-istess persuna talab ukoll li biċċa art li tinsab biswit Triq ir-Ramla tal-Bir tiġi mnaddfa u tingħata l-konkos biex ikun jista' jiġu pparkjati żewġ vetturi.

27.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa sakemm ma jinġiebx il-kunsens ta' min għandu r-raba fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

## 28.1. Ħsara fi proprjeta` fi Triq il-Vitorja (T/3/2/Vol XIII)

28.2. Is-Sindku irrefera għal rapporti li saru minn residenti li għandhom gallariji li jħarsu fuq Triq il-Vitorja. F'diversi okkażjonijiet dawn sofrew danni fl-istess gallariji wara li ntlaqgħtu minn vetturi kbar. Ritratti ta' żewġ inċidenti separati ġew ippreżentati lill-Kunsill. Huwa qal li jeħtieġ tinstab soluzzjonijiet kemm minħabba l-periklu li jinħoloq, kif ukoll biex jiġu evitati d-danni.

28.3. Minħabba d-domanda għall-ipparkjar ta' vetturi fiż-żona in kwistjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir proposta lill-Transport Malta sabiex jiġi ipprojbit is-sewqan ta' vetturi kbar fi Triq il-Vitorja.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014 fis-7.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**